



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.12.2017  
COM(2017) 725 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**Dwar l-implimentazzjoni, il-funzjonament u l-effettività tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu**

## **1. SFOND**

F'April 2016, id-Dominju tal-Ogħla Livell (TLD) .eu ċċelebra l-10 anniversarju tiegħi. Matul l-aħħar għaxar snin, il-kodiċi tal-pajjiż Dominju tal-Ogħla Livell (ccTLD) .eu kompla jikkummerċjalizza ruħu bħala estensjoni innovattiva u moderna, biex laħħaq ferm mat-TLDs tradizzjonali li ilhom fl-ambjent tad-dominji għal tliet deċennji, filwaqt li kkompeta mad-Dominji tal-Ogħla Livell ġeneriċi l-ġoddha (gTLDs) li ġew introdotti fl-2014. Fi tmiem Q1 2017, it-TLD .eu kien is-7 l-akbar kodiċi tal-pajjiż TLD fid-dinja<sup>1</sup>. B'aktar minn 3.7 miljun reġistrazzjoni, it-TLD .eu sar għażla apprezzata mill-Ewropej meta jagħżlu l-isem tad-dominju għall-preżenza tagħhom fuq l-Internet.

B'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 733/2002 dwar l-implementazzjoni tat-TLD .eu, il-Kummissjoni hija meħtieġa li tressaq rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sena wara l-adozzjoni tar-Regolament u mbagħad kull sentejn. Dan ir-rapport jikkonċerna l-implementazzjoni, il-funzjonament u l-effikaċċja tat-TLD .eu matul dawn l-aħħar sentejn, b'mod partikolari matul il-perjodu mill-1 ta' April 2015 sal-31 ta' Marzu 2017.

## **2. IL-QAFAS LEGALI U L-PRINĊIPJI BAŻIĊI TA' .EU**

It-TLD .eu ġie stabbilit b'dawn l-atti legali:

- Ir-Regolament (KE) Nru 733/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' April 2002 dwar l-implementazzjoni tal-Qasam tal-Ogħla Livell .eu (kif emendat)<sup>2</sup>;
- Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 874/2004 tat-28 ta' April 2004 li jippreskrivi r-regoli tal-politika pubblika li jikkonċernaw l-implementazzjoni u l-funzjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell .eu u l-prinċipji li jirregolaw ir-reġistrazzjoni (kif emendat)<sup>3</sup>.

EURid huwa l-operatur tar-Reġistru attwali, responsabbi mill-organizzazzjoni, l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tat-TLD .eu u l-varjanti tiegħu fi scripts oħra. Dan ingħata mill-ġdid it-tieni kuntratt għall-konċessjoni fit-12 ta' April 2014, wara sejħa għal-

---

<sup>1</sup> .tk għadu eskuż mill-ġħadd minħabba l-qafas u l-mudell ta' bejgħi speċjali tiegħi.

<sup>2</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1137/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 li jadatta numru ta' strumenti suġġetti għall-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE, tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — Adattazzjoni tal-proċedura regolatorja bi skrutinju — L-Ewwel Parti (ĠU L 311, 21.11.2008, p. 1).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1654/2005 tal-10 ta' Ottubru 2005 (ĠU L 266, 11.10.2005, p. 35), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1255/2007 tal-25 ta' Ottubru 2007 (ĠU L 282, 26.10.2007, p. 16) ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 560/2009 tas-26 ta' Ġunju (ĠU L 166, 27.6.2009, p. 3), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 516/2015 tas-26 ta' Marzu 2015 (ĠU L 82, 27.03.2015, p.14).

espressjoni ta' interess u b'segwiment tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' April 2014<sup>4</sup>.

### **3. IR-REĠISTRAZZJONI U L-UŻU TAL-ISMIJET TAD-DOMINJU .EU**

Fil-perjodu kopert minn dan ir-rapport, it-tkabbir tas-ccTLD .eu kkalma meta mqabbel mal-kodiċi TLDs l-oħrajn tal-pajjiżi Ewropej. Matul l-2016 t-tkabbir ta' .eu kien negattiv. Ir-reġistrazzjonijiet totali kienu ta' 3,862,467 fi tmiem l-2015, u 3,760,695 fil-31 ta' Diċembru 2016. Tali tnaqqis f'din l-aħħar sena jista' jiġi attribwit lil bosta fatturi fix-xenarju tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominji (DNS) u lil hinn minnha - bħas-saturazzjoni tas-suq, aktar kompetittività, anqas promozzjonijiet minn dawk ir-reġistranti li involvew ruħhom fir-reġistri l-għodda tal-gTLD, u f'xi każijiet minħabba ekonomiji staġnati - li laqtu wkoll lil pari oħra tal-industrija, iżda wkoll minħabba l-isforzi kontinwi biex jitneħħew l-ismijiet tad-dominju b'data skorretta mid-database Whois<sup>5</sup>.

Ir-rata tat-tiġdid tal-ismijiet tad-dominju .eu baqgħet 80%, li hija rata għolja ħafna meta mqabbla mal-medja industrijali ta' 73%.

L-estensjoni .eo (.eu biċ-Ċirilliku) tnediet fl-1 ta' Ġunju 2016. Fl-aħħar ta' Q1 2017, kien hemm fit aktar minn 2,200 ismijiet ta' dominju reġistrati taħt l-estensjoni .eo.

Ix-xenarju tal-ismijiet tad-dominju nbidel b'mod sinifikanti f'dawn l-aħħar sentejn minħabba l-introduzzjoni tal-gTLDs ġodda (eż. .ċar, .hotel) wara l-ftuħ tal-ispazju tal-gTLD mill-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN). Fil-mument tal-abbozzar ta' dan ir-rapport, kienu ġew iddelegati 1200 gTLDs ġodda, u huwa stmat li 'l fuq minn 1240 se jkunu komplettament iddelegati u operattivi sal-aħħar tas-sena fiskali 2018 (SF18) tal-ICANN<sup>6</sup>. Fil-preżent, ir-reġistrazzjonijiet tagħhom jammontaw għal 25.6 miljun isem ta' dominju minn 329.3 miljun dominju reġistrati madwar id-dinja (142.7 miljun irreġistrati taħt ccTLDs)<sup>7</sup>.

Għalkemm is-suq il-ġdid tal-gTLD ma laħaqx l-aspettattivi, minħabba li d-domanda tal-utenti kienet ħafna inqas milli mistenni, it-tkabbir kien ogħla minn dak tat-TLDs tradizzjonali.

Meta wieħed jikkunsidra x-xejriet storiċi u s-sitwazzjoni fis-suq, l-għan huwa li t-tkabbir jinżamm stabbli u pożittiv, filwaqt li jissaħħu l-azzjonijiet b'tali mod li .eu u l-varjant Ċirilliku tiegħu isiru TLDs ta' kwalità.

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-11 ta' April 2014 dwar id-deżinjazzjoni tar-Reġistru tad-Dominju tal-Oħla Livell .eu, ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali (L109/41) fit-12 ta' April 2014.

<sup>5</sup> Ara t-Taqsima 5.6.3.

<sup>6</sup> Ara <https://www.icann.org/public-comments/fy18-budget-2017-03-08-en>

<sup>7</sup> Ara Verisign Domain Industry Brief, Q4 2016, [https://www.verisign.com/en\\_US/domain-names/dnib/index.xhtml#executive-summary](https://www.verisign.com/en_US/domain-names/dnib/index.xhtml#executive-summary)

## **4. L-ISMIJET TAD-DOMINJU INTERNAZZJONALIZZATI (IDNs)**

### **4.1. IDNs .eu**

L-introduzzjoni tal-IDNs fl-ogħla livell hija materja li taqa' fil-kompetenza tal-ICANN. Fis-16 ta' Novembru 2009, l-ICANN nediet il-Proċess Mgħaġġel IDN ccTLD<sup>8</sup> biex tiffaċilita l-introduzzjoni tal-estensjonijiet tad-Dominju tal-Ogħla Livell tal-Internet li jirrappreżentaw il-kodiċijiet tal-pajjiżi (eż. .gr, .bg, .eu) li jużaw karattri mhux Latini.

Abbażi tas-sottomissjonijiet lill-Kummissjoni minn Ċipru, il-Greċja u l-Bulgarija dwar il-verżjonijiet preferuti tagħhom tas-suffiss .eu, l-EURid issottometta applikazzjoni lill-ICANN għall-verżjonijiet Ċirilliċi u Griegi tat-TLD .eu fil-5 ta' Mejju 2010. Għall-ewwel, l-istring Griega .eu u dik Ċirillika .eo tqiesu bħala simili b'tali mod li joħlqu konfużjoni minħabba li digħi teżisti l-istring ASCII ccTLD (.eu) u għalhekk l-introduzzjoni tagħhom daħlet fi proċess twil ta' valutazzjoni.

Filwaqt li l-valutazzjoni tal-istring Ċirillika (.eo) irnexxielha tgħaddi mill-Proċess Mgħaġġel IDN, l-istring Griega (.ev) ma għaddietx mill-fażi tal-valutazzjoni teknika għar-raġuni li hija, "jew viżwalment identika jew viżwalment konfondibbli ma' mill-inqas tliet strings tal-ISO 646-BV ".eu", ".ev", u ".ey"".

F'Ottubru 2014, wara talba għal valutazzjoni mill-ġdid, l-istring .eu ma nstabitx li hija simili b'tali mod li toħloq konfużjoni ma' .ev u .ey, iżda ma' .EV. u .EY.

Fit-23 ta' Ġunju 2016, grupp ta' ħidma stabbilit biex jipprovdi aktar gwida dwar il-metodoloġija tat-tieni proċess ta' rieżami dwar is-similarità tal-istring, inkluża l-interpretazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet maqsuma, irrakkomanda li fil-każ ta' similarità li toħloq konfużjoni ma' strings oħrajn b'ittri kbar, iżda mhux ma' dawk b'ittri żgħar, għandha tingħata priorità lit-tipi ta' strings b'ittri żgħar.

Fil-mument li fih qed jinkiteb dan ir-rapport, qed tiġi kkunsidrata l-possibbiltà li jitwaqqaf grupp ta' ħidma ieħor biex tiġi introdotta valutazzjoni tal-miżuri biex jitnaqqas il-livell ta' xebħi li joħloq konfużjoni tar-registrū.

## **5. IL-FUNZJONAMENT TAR-REĠISTRU**

### **5.1. Ir-Reġistru**

L-EURid (ir-Reġistru Ewropew għad-Dominji tal-Internet) hija organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ, għall-Ewropa kollha, bl-uffiċċju princiċiali tiegħi f'Diegem (il-Belġju) u b'uffiċċji reġjonali fi Stokkolma, Praga u Pisa. Dan jikkonsisti f'żewġ membri fundaturi - DNS Belgium (ir-reġistru .be) u l-Istituto di Informatica e Telematica (ir-reġistru .it) - kif ukoll tmien membri assoċjati. Dawn huma ARNES (ir-reġistru .si), CZ.NIC (ir-reġistru .cz), Business Europe (konfederazzjoni ta' 39 federazzjoni relatati mal-industrija minn 33 pajjiż), l-ECTA Internet Committee (il-European Community Trademark Association), l-EMOTA (il-European Multi-channel and Online Trade Association), l-IAB Europe (l-Interactive Advertising Bureau), is-CECUA (il-Confederation of European Computer Users) u il-UEAPME (il-European Association of Craft, Small and Medium-sized

<sup>8</sup> Ara <http://www.icann.org/en/topics/idn/fast-track/>

Enterprises). Marie-Emmanuelle Haas, avukat tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, ingħaqdet bħala membru indipendenti fl-2016.

Is-siti tas-server EURid prinċipali jinsabu f'Amsterdam u fil-Lussemburgu. Dawn għandhom tagħmir identiku. Is-servers awtōġestiti tal-EURid jinsabu f'Amsterdam, Ljubljana, Londra, u Praga, filwaqt li t-tliet fornituri Anycast - DENIC, NETNOD u DYN - għandhom servers tal-ismijiet<sup>9</sup> madwar id-dinjal.

F'termini ta' riżorsi umani, kien hemm total ta' 50.3 impjegat full-time jaħdmu fl-erba' uffiċċi tal-EURid fi tmiem Q1 2017. Il-biċċa l-kbira tal-impjegati huma fi ħdan it-tim tar-Relazzjonijiet Esterni (responsabbli mill-għoti tal-appoġġ u l-ġestjoni tal-kontijiet fl-ilsna kollha tal-UE) u d-Dipartiment Tekniku.

### **5.2. Ir-Relazzjonijiet mar-reġistranti**

Skont ir-Regolamenti attwali, ir-Reġistru tad-dominju .eu nnifsu ma jaġixxix bħala reġistratur. L-ogħla priorità għall-EURid tibqa' li jipprovd servizz ta' kwalità lis-693 reġistrant li huma akkreditati miegħu. L-għadd ta' reġistranti akkreditati naqas fit f'dawn l-aħħar sentejn - kien hemm 751 fl-aħħar ta' Q1 2015 - hekk kif il-kontijiet tar-reġistraturi komplew jiġu kkonsolidati, u ħafna atturi Ewropej u dinjin kbar xtraw għadd ta' reġistraturi iż-ġħar.

F'Novembru 2016, ir-Reġistru .eu vara l-faċilità taż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA) u l-hekk imsejħa sistema ta' wara l-pagament, li permezz tagħha r-reġistraturi issa għandhom l-ġhażla li t-tranżazzjonijiet tagħhom jiġu debitati direttament mill-kontijiet bankarji tagħhom. Barra minn hekk, l-EURid qagħdet attenta aktar għar-reġistraturi li kellhom fatturi mhux imħallsa u, b'konsegwenza ta' dan, għalqet diversi kontijiet.

### **5.3. Ir-Relazzjonijiet Internazzjonali**

Matul il-perjodu ta' rapportar, ir-Reġistru .eu kompla jippenja ruħu regolarment u b'mod effettiv bl-ekosistema tal-Internet. Dan jinkludi:

- Il-parteċipazzjoni proattiva fil-laqgħat u s-sessjonijiet ta' ħidma tal-Council of European National Top Level Domain Registries (CENTR);
- Il-parteċipazzjoni fil-laqgħat tal-ICANN;
- Il-Presidenza tal-grupp ta' ħidma dwar l-Istrateġija u l-Pjan Operazzjonali tan-Name Supporting Organisation tal-kodiċijiet tal-pajjiżi (ccNSO) tal-ICANN;
- Il-Presidenza tal-grupp ta' ħidma tal-Extended Proċess Similarity Review Panel (EPSRP) tas-ccNSO matul il-Q2 2015;
- L-involviment fil-proċessi tat-Tranżizzjoni tal-Ġestjoni tal-IANA u tal-Kontabilità tal-ICANN bħala wieħed mir-rappreżentanti maħtura mis-ccNSO fil-Grupp ta' Ħidma Transkomunitarja;
- Il-kooperazzjoni mal-UNESCO u l-Verisign fir-Rapport Dinji annwali tal-IDN<sup>10</sup>;

<sup>9</sup> Server tal-ismijiet huwa server fuq l-internet speċjalizzat biex jamministra mistoqsijiet rigward il-post ta' diversi servizzi ta' isem ta' dominju. Is-servers tal-ismijiet huma parti fundamentali tad-DNS. Dawn jippermettu l-użu tad-dominji minnflokk l-użu tal-indirizzi IP.

<sup>10</sup> Ir-Rapport Dinji tal-IDN inħareġ b'mod digħiċċi tard fl-2016 bi tnedija uffiċċiali waqt laqgħa tal-Forum dwar il-Governanza tal-Internet f'Guadalajara, il-Messiku, fis-7 ta' Diċembru 2016. Biex tara r-

- Il-kooperazzjoni mal-ICANN għall-kondiżjoni tal-aħjar prattiki tal-EURid fost ir-reġistri u r-reġistranti fil-Lvant Nofsani u ż-żona tal-Pajjiżi Aġġunti (MEAC) u l-Amerika Latina u r-reġjun tal-Karibew<sup>11</sup>;
- Is-sħubija biex torganizza l-Forum dwar il-Governanza tal-Internet fis-Scuola S. Anna f'Pisa;
- It-tnedija tal-‘.eu Academy’ f’Ġunju 2015<sup>12</sup>;
- L-ospitar annwali tal-laqgħa tad-Djalogu Ewropew dwar il-Governanza tal-Internet (EuroDIG) li saret fi Brussell, fid-9 u 1-10 ta’ Ġunju 2016, bi sħubija mal-Kummissjoni Ewropea.

#### **5.4. Il-kummerċjalizzazzjoni, is-sensibilizzazzjoni, u l-attivitajiet ta’ komunikazzjoni**

Is-7 ta’ April 2016 kien l-għaxar anniversarju ta’ .eu. Dan l-avveniment ġie cèlebrat bit-tnedija ta’ sit web ġdid fjamant tal-eurid.eu, filwaqt li nħarġet ukoll edizzjoni speċjali għall-anniversarju tar-rivista onlajn *.eu illustrated*<sup>13</sup>.

Matul dawn l-aħħar sentejn, l-EURid żviluppa l-kummerċjalizzazzjoni multipli, is-sensibilizzazzjoni, u l-attivitajiet ta’ komunikazzjoni b’diversi modi:

- Billi kompla saħħaħ is-sħubija tiegħu mal-Istati reġistraturi akkreditati, sabiex jippromwovi t-TLD .eu permezz ta’ Programm ta’ Kummerċjalizzazzjoni Kofinanzjat u bl-hekk imsejħa Skemi ta’ Tnaqqis Kostumizzat. Fi ħdan il-Programm ta’ Kummerċjalizzazzjoni Kofinanzjat, 52 u 57 proposti ta’ natura differenti ġew ippreżentati fl-2015 u l-2016 rispettivament. Permezz tal-Iskemi ta’ Tnaqqis Kostumizzat (CRS), ir-Reġistru introduċa mod għar-reġistraturi biex jibbenefikaw minn ħlasijiet tar-reġistrazzjoni aktar baxxi fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ tagħhom, approċċ li huwa tipiku ħafna għal reġistri TLD oħrajn. Fil-mument li fih qed jinkiteb dan ir-rapport, 98% tar-reġistrazzjonijiet kollha fi Q1 2017, saru minn 331 reġistratur li ngħaqdu mas-CRS fl-2017.
- Permezz tal-irfinar tal-ażżejjiet tal-kummerċjalizzazzjoni direttu mmirati lejn iż-żieda tas-sensibilizzazzjoni dwar .eu. L-inizjattivi tal-2015 u l-2016 inkludew żewġ kampanji ta’ kummerċjalizzazzjoni annwali online, il-parteċipazzjoni f’fieri u avvenimenti magħżula marbuta mad-dominju madwar l-Ewropa, filwaqt li tkompliet

Rapport Dinji tal-IDN, żur [www.idnworldreport.eu](http://www.idnworldreport.eu). Għas-sessjoni ta’ ħidma, żur <https://igf2016.sched.com/event/8htA/ws19-enhancing-linguistic-and-cultural-diversity-in-cyberspace>

<sup>11</sup> Iż-żewġ każijiet kienu jinkludu studju dwar is-swieq tad-dominji fir-reġjuni rispettivi. Għall-Istudju MEAC, żur <https://www.icann.org/en/system/files/files/meac-dns-study-26feb16-en.pdf>, għall-Istudju LAC, żur <https://www.icann.org/en/system/files/files/lac-dns-marketplace-study-13mar17-en.pdf>

<sup>12</sup> L-inizjattiva għandha, bħala l-għan ewlieni tagħha, it-tir li tikkontribwixxi għall-edukazzjoni tal-pari fl-industrija, ir-reġistraturi, u l-ġenerazzjonijiet futuri dwar l-elementi bażżeċċi tal-Internet, l-istorja, il-funzjonament u l-aspetti tal-kummerċjalizzazzjoni/tal-amministrazzjoni/tas-sigurtà relatati mal-liġi tagħha.

<sup>13</sup> Żur <https://eurid.eu/en/about-us/publications/>

il-kampanja ta' kartelluni fl-ajruport ta' Brussell. Barra minn hekk, il-Premijiet Web .eu saru attivit  regolari f'dawn l-a har sentejn.

- Permezz tat-tfassil ta' pre enza strutturata fil-midja so jali<sup>14</sup>, flimkien mal-pubblikazzjoni ta' rapporti trimestrali u annwali, u rivista biannwali *.eu illustrated*.

## 5.5. Is-sitwazzjoni finanzjarja

Ir-Reġistru huwa organizzazzjoni esterna li tie u dec ijonijiet awtonomi, i da l-Kummissjoni tiskrutinja mill-qrib is-sitwazzjoni finanzjarja b'konformit  mad-dispo izzjonijiet tal-qafas  uridiku u l-Kuntratt tal-Konċessjoni tas-Servizz. Isiru revi jonijiet sh ah u fuq il-post tal-kontabilit  minn awditur finanzjarju indipendenti. Il-Kummissjoni twettaq ir-rwol supervi orju tagħha permezz ta' valutazzjonijiet tar-rimarki tal-awdituri, rapporti finanzjarji biannwali u annwali, rapporti ta' progress kull tliet xhur, proposti għall-bag it, u pjani iet strateġiċi u operattivi. Il-kwistjonijiet finanzjarji ji u diskussi b'mod regolari mar-Reġistru fla għat biannwali u f'laq għat fil-livell tas-servizz.

Biex ikun aktar kompetittiv fis-su q dinamiku tat-TLD, l-EURid nieda l-Iskemi ta' Tnaqqis Kostumizzat għar-reġistraturi tiegħu, li jippermettu mi zati tar-reġistrazzjoni ġodda mraħħsa skont il-volumi tal-bejgħ tar-reġistrant. Minn Jannar 2017, it-tariffa ba zika ta' isem ta' dominju  did għal dawk ir-reġistraturi li jissottoskrivu għas-CRS hija ta' EUR 1.75.

L-aspetti finanzjarji prinċipali tar-Reġistru baqgħu stabbli fl-2015 u fl-2016. Minkejja li d-dħul tar-Reġistru kien ta' madwar EUR 13-il miljun għas-sentejn li huma, l-ispejjeż naqsu b'mod sinifikanti għal fit iktar minn EUR 11-il miljun fi tmiem l-2016. Għalhekk, ir-ri ultat finanzjarju nett kien anqas bilançjat mis-snin pre edenti b'bilanċ favorevoli għall-benefi ju tal-bag it tal-Unjoni Ewropea ta' EUR 1,238,723 għas-sena ta' kontabbiltà 2015 u ta' EUR 2,748,873 għall-2012.

Il-Kummissjoni e zaminat regolarment il-bidliet fl-ispejjeż reali u dawk ibba itjati tar-Reġistru, b'mod partikolari l-ispejjeż marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni (madwar EUR 3 miljuni fl-2015 u EUR 2.7 miljuni fl-2016) u mar-ri orsi umani (EUR 4 miljuni fl-2015 u EUR 3.9 miljuni fl-2016).

Fl-a ħar tal-2016, ir-Reġistru żamm ħames tipi ta' ri ervi finanzjarji: deprezzament (EUR 0.8 miljun), investimenti (EUR 0.6 miljuni), responsabbiltajjet so jali (EUR 2.7 miljuni), responsabbiltajjet  uridiċi (EUR 1.2 miljun), u likwidità operatorja (EUR 1 miljun).

## 5.6. Il-kontinwit  tal-operat, ir-reżiljenza u l-kwalit 

### 5.6.1. Kontinwit  tal-operat

Matul l-2016, b żieda akbar fid-theddid  ibernetiku ta' tipi differenti, għie evalwat l-Eżerċizzju tal-Kontinwit  tal-Operat annwali. Peress li s-swiċċ ta -ċentru tad-data tradizzjonal għie integrat għall-operazzjonijiet normali tal-operat u dan ji i eżegwit b'mod regolari matul il-perjodi limitati ta -żmien tal-manutenzjoni, l-EURid iffoka fuq qasam differenti tal-immani għjar tal-kri ijiet.

<sup>14</sup> Ara Facebook (EUregistry), Twitter (@Euregistry), YouTube (Europeanregistry)

Għalhekk, fil-H2 2016, l-EURid ikkuntratta kumpanija esterna biex teżegwixxi l-hekk imsejjaħ Table Top eXercise (TTX). TTX huwa eżerċizzju skont l-iskript li jinvolvi inċiġid ipotetiku, li matulu jiġi valutat il-proċess tal-immaniġġjar tal-kriżijiet kollu. Kuntrarju għall-eżerċizzji BCP ta' qabel l-2016, it-TTX jinvolvi t-tim kollu tal-immaniġġjar ta' kriżijiet, inklużi t-timijiet tal-Operazzjonijiet Tekniċi, Legali, tal-Komunikazzjoni, tar-Relazzjonijiet Esterni, u l-Maniġer Ġeneral. Għalkemm dan l-eżerċizzju huwa biss fuq il-karta u huwa mqassar, xorta jagħti idea tajba tan-nuqqasijiet potenzjali.

Għalkemm inqas milli ppjanati, minħabba kunflitti fl-ippjanar tar-riżorsi u l-prioritajiet, EURid wettaq ukoll għadd ta' Testijiet ta' Rkupru u ta' Rkupru minn Diżastru (DRRT) matul l-2016.

### 5.6.2. *Is-sigurtà*

It-TLD .eu qed jimplimenta protokoll dwar l-Estensionijiet tas-Sigurtà tal-Ismijiet tad-Dominji (DNSSEC). Id-DNSSEC huwa protokoll biex jivverifika l-awtentiċità tar-risposti tas-server tal-ismijiet tal-wiri (siti elettroniċi) sar-root zone tal-Internet f'dik li tisżejjha 'katina ta' fiduċja'. L-hekk imsejjaħ tnaqqis tad-DNSSEC (EUR 0.02 skont fuq il-miżata tal-isem tad-dominju għal kull isem tad-dominju sottoskrift korrettament fix-xahar), li ġie introdott fl-2013, baqa' disponibbli għar-reġistraturi biex ikompli jappoġġja l-implimentazzjoni tad-DNSSEC. Fl-aħħar tal-Q1 2017, kien hemm 357,389 ismijiet tad-dominju .eu DNSSEC sottiskritti.

Barra minn hekk, fuq il-livell ta' kumpanija, sabiex jiġi provdut servizz ta' kwalità għolja u sigur lir-reġistraturi akkreditati ta' .eu u lill-pubbliku ġenerali, l-EURid implementa r-rekiżi ta' ISO/IEC 27001, li huwa standard tas-sigurtà tal-informazzjoni stabbilit mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Istandardizzazzjoni. Ir-Registru.eu ngħata l-ISO/IEC 27001 b'ċertifikazzjoni mill-ġdid b'segwitu għal awditu mill-BSI, il-British Standards Institution, fit-28 ta' Ġunju 2016.

### 5.6.3. *Azzjonijiet biex titjieb il-preċiżjoni tad-data tar-reġistrazzjoni, jittaffa l-abbuż tal-ismijiet tad-dominju, u jitqawwa l-kooperazzjoni fil-ġlied kontra c-ċiberkriminalità*

Ir-Reġistru applika miżuri sabiex jikkumbatti mgħiba online malizzjużha b'abbuż ta' ismijiet tad-dominju li sseħħ kuljum, li tinkludi pereżempju l-ksur tad-drittijiet tal-awtur, phishing u attakki ċibernetiċi inkluża d-distribuzzjoni ta' softwer malizzjuż (malware). L-ismijiet tad-dominju, b'mod partikolari, jiġu ċċekkjati kontra l-kriterji tal-elgħibbiltà u r-reġistrazzjonijiet il-ġodda jiġu skrinjati għal tendenzi suspectużi jew anomaliji oħra<sup>15</sup>. Skont l-Artikolu 4 tal-ftehim tal-akkreditazzjoni tar-registrar.eu, ir-reġistranti jridu jiżguraw li kull detentur ta' isem tad-dominju jissodisfa r-rekiżi kontra kollha stabbiliti mir-

<sup>15</sup> Għall-kriterji tal-elgħibbiltà, ara l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament 733/2002. Ir-Reġistru għandu l-jeddu li jivverifika l-validità ta' r-reġistrazzjoni (l-Artikolu 3 tar-Regolament 874/2004). Il-politika tar-reġistrazzjoni teħtieġ li r-reġistrant iżomm data personali kompluta u preċiża u l-indirizz elettroniku li jintużha għall-komunikazzjoni mar-Reġistru, li jirriżerva l-jeddu li jirrevoka isem id-dominju f'każ ta' indirizz li ma jaħdimx.

Regolamenti tal-UE (u l-emendi sussegwenti tagħhom), mal-Politika ta' Reġistrazzjoni .eu u mat-termini u l-kundizzjonijiet .eu, kif ippubblikati fis-sit web tar-Reġistru.

It-titjib tal-forniment ta' data dwar ir-reġistrazzjoni preċiża mir-reġistranti huwa għodda dejjem aktar importanti fil-prevenzjoni u fil-ġlied kontra l-użu frawdolenti ta' isem ta' dominju. B'dak l-għan, l-EURid nieda l-Pjan tal-Kwalità Whois fil-Q1 2014. Fil-perjodu ta' rappurtar, ġew irfinuti l-proċeduri biex jiddaħħal metodu rapidu għal każijiet li ma jippreżentaw l-ebda diffikultà. Il-proċedura rapida hija infurzata f'każ ta' data tar-reġistrazzjoni li ovvjament mhix preċiża, fid-detezzjoni ta' xejriet fir-reġistrazzjonijiet ta' ismijiet ta' dominju, jew suspectt jew allegazzjoni ta' abbuż. Jekk dan ikun il-każ ir-reġistrant huwa mitlub jipprovd evidenza tad-data ta' reġistrazzjoni fi żmien tlett ijiem wara li l-isem tad-dominju involut jiġi sospiż. Matul l-2016, il fuq minn 18,000 isem tad-dominju ġew iċċekkjati, li minnhom aktar minn 9,000 ġew sospiżi u aktar minn 1,000 ġew sussegwentement irtirati.

Barra minn hekk, ir-Reġistru kompla jipprovd assistenza regolari lill-aġenti tal-infurzar tal-liġi u lil awtoritajiet rilevanti oħra. Fil-livell nazzjonali, fil-Belġju, l-EURid żamm djalogu regolari ma'CERT-UE u kkollabora b'mod attiv mal-awtoritajiet bħall-Ministeru Federali Belġjan tal-Affarijiet Ekonomiċi (“FOD Economie”), id-dipartiment Belġjan tad-Dwana (“Cybersquad”), u l-Uffiċċju tal-Prosekurur Pubbliku, fil-ġlied tagħhom kontra attivitajiet illegali relatati mal-ismijiet tad-dominju .eu. Il-kollaborazzjoni ffokat l-aktar fuq il-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti foloz bl-użu ta' ismijiet tad-dominju .eu. Fil-livell Ewropew, l-EURid iffirma Memorandum ta' Qbil (MtQ) mal-EUROPOL f'Diċembru 2016 biex jippenja ruħu fi sforzi konġunti fil-ġlied kontra c-ċiberkriminalità, biex jiskambjaw data statistika u dwar it-tendenzi relatati maċ-ċiberkriminalità, u biex jippenja ruħu li jikkopera fuq proġetti mfassla biex tiġi miġġielda c-ċiberkriminalita<sup>16</sup>.

## 5.7. Il-proċedimenti legali u tilwimiet rigward l-ismijiet tad-dominju

### 5.7.1. Kawżi quddiem il-Qorti Ĝeneralu u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Ma kien hemm l-ebda kawżi quddiem il-Qorti Ĝeneralu u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-perjodu tar-rapportar.

### 5.7.2. Proċedura ta' Soluzzjoni Alternattiva tat-Tilwim

Il-kunflitti dwar l-ismijiet tad-dominju jistgħu jiġu sottomessi lill-fornitur tas-Soluzzjonijiet Alternattivi tat-Tilwim (ADR) – il-Qorti tal-Arbitraġġ ibbażata fi Praga (‘Qorti Ċeka tal-Arbitraġġ’ jew ‘CAC’).

Matul l-2015, tressqu total ta' 65 ilment ġdid ADR, b'medja ta' ħames (5) ilment kull xahar. B'kollo, 68 tilwima ADR ġew terminati (l-ilmenti ġew aċċettati: 46; ilmenti miċħuda: 5; ilmenti rtirati: 2; ilmenti difettużi: 14; -il sald: 1)

Matul l-2016, tressqu total ta' 80 ilment ġdid ADR, b'medja stabbli ta' sitt (6) ilmenti kull xahar. B'kollo, 67 tilwima ADR ġew terminati (l-ilmenti ġew aċċettati: 41; ilmenti riġettati: 9; ilmenti rtirati: 2; ilmenti difettużi: 14; -il sald: 1).

<sup>16</sup> Ara <https://www.europol.europa.eu/newsroom/news/europol-enhances-cybercrime-and-internet-security-cooperation-signing-mou-eurid>

Mill-1 ta' Ġunju 2016, sar possibbli li jittressqu lmenti li jirrigwardaw ir-reġistrazzjoni tal-ismijiet tad-dominju .eu fi ħdan l-estensjoni Ċirillika (.eo). Fl-aħħar tal-Q1 2017, l-ebda każijiet ma kienu tressqu quddiem is-CAC b'konnessjoni ma' .eo.

### 5.7.3. *Proċeduri fil-qorti*

Fil-perjodu tar-rappurtar, l-EURid kien parti fil-kawżi li ġejjin:

#### STRANSKY vs. EURid

Fis-6 ta' Mejju 2015, l-EURid introduċa l-IDNA2008 u l-bundling tal-omoglu, u ħabbar il-politika ta' legat tiegħu dwar l-ismijiet tad-dominju li m'għadhomx konformi ma' dawn ir-regoli ġodda. Il-politika inkludiet perjodu ta' eliminazzjoni gradwali ta' sena. Sas-6 ta' Mejju 2016, l-ismijiet tad-dominju li ma kinux konformi ġew irtirati u ma setgħux jerġgħu jiġu rreġistrati mill-ġdid. Id-data tal-iskadenza ta' żewġ ismijiet tad-dominju li ma kinux għadhom konformi ('firstrowsports.eu' u 'firstrow.eu') qabżu l-fażi tal-eliminazzjoni gradwali tas-6 ta' Mejju 2016 (sat-28 ta' Frar 2025).

Id-detentur taż-żewġ ismijiet tad-dominju tella' lill-EURid quddiem qorti fir-Repubblika Ċeka fir-rigward ta' isem tad-dominju wieħed: 'firstrowsports.eu'.

Is-sentenza bil-miktub waslet fil-21 ta' Novembru 2016. Id-deċiżjoni uffiċjali tal-Qorti tistipula: "Obbligu qed jiġi impost fuq il-Konvenut (EURid) li jiġura l-operat tal-isem tad-dominju "firstrowsports.eu" sat-28 ta' Frar 2025, billi l-art. 13 tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-EURid ma jippermettix li EURid jibdel b'mod unilaterali d-drittijiet u l-obbligi tad-detentur, iżda jippermetti biss li l-EURid japplika regoli ġodda fir-rigward ta' kwalunkwe reġistrazzjonijiet sussegamenti.

Minkejja li d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda biss isem tad-dominju wieħed, "firstrowsports.eu", u ma tirrigwardax "firstrow.eu", l-EURid applika d-deċiżjoni tal-Qorti liż-żewġ ismijiet tad-dominju u se jżommhom attivi t-tnejn sad-data tal-iskadenza tagħhom fit-28 ta' Frar 2025 (data li fiha huma se jiġu rtirati).

Bħala konsegwenza, dan il-każ ingħalaq.

#### EURid vs. VAN COLLEM

Fid-29 ta' Frar 2016, l-EURid beda proċeduri ġudizzjarji kontra żewġ detenturi ta' ismijiet ta' dominju (Nanogenetics Ltd u Citizen Engineering Services Ltd), li t-tnejn li huma għandhom l-istess indirizz tan-negozju (29 Harley Street, Marylebone, Londra, W1G 9QR). It-tnejn li huma kienu rreġistraw madwar 1600 isem tad-domain permezz tar-reġistratur IO Domain UK Ltd, li jinnegozja bħala "Universal Domains", bl-istess indirizz (29 Harley Street, Londra W1G Marylebone 9QR). Jidher li kien hemm aktar minn 6000 kumpanija tar-Renju Unit li kienu reġistrati f'dak l-indirizz. Jidher li ġerti Sur Van Collem qal li jirrapreżenta ż-żewġ detenturi tal-isem tad-dominju, u mill-informazzjoni li kellha l-EURid is-Sur Van Collem huwa effettivament ir-reġistratur ukoll.

Billi dan ir-reġistratur kelli bilanċ mhux imħallas ta' EUR 7,363.50, l-EURid temmet l-akkreditazzjoni tiegħu minħabba ksur ta' kuntratt (wara bosta tfakkiriet).

Bħala konsegwenza tat-terminazzjoni tal-kuntratt tar-reġistratur, id-detenturi tad-dominju l-oħrajn kollha rċevew email awtomatika ta' notifika biex ifittxu reġistratur ieħor tal-

għażla tagħhom, u jittrasferixxu l-ismijiet tad-dominju lir-reġistratur magħżul. Is-Sur Van Collem indika li hu kien għażel ‘Lifestyle International BV’ (fondazzjoni Olandiż). Din il-kumpanija tabilħaqq applikat għall-akkreditazzjoni ta’ .eu, iżda peress li qatt ma temmet b’suċċess il-proċedura tal-akkreditazzjoni, l-EURid ma aċċettatx l-applikazzjoni tagħha.

L-EURid tat-lis-Sur Van Collem aktar minn 166 jum kalendarju biex jittrasferixxi l-ismijiet tad-dominju (mqabbel mat-30-40 jum ta’ kwarantina regolari għal kwalunkwe detentur ieħor f’ċirkustanzi simili).

Billi l-EURid kien ‘irriżerva’ dawn l-ismijiet tad-dominju għas-Sur Van Collem mingħajr ma kien tħallas għalihom, huwa ddeċieda li jibda rikors il-qorti sabiex jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-ftehim bejn l-EURid u d-detentur(i) tal-isem tad-dominju huwa tterminat.

*Id-detenturi tal-isem tad-dominju (Nanogenetics Ltd u Citizen Engineering Services Ltd)*

Is-seduta ta’ smiġ fil-qorti (ta’ Brussell) saret fil-21 ta’ Frar 2017, u sadanittant iż-żewġ kumpaniji ġew xolti.

L-imħallef iddeċieda li jieħu aktar żmien biex jivverifika għal darb’oħra li ż-żewġ kumpaniji tneħħew minn Companies House (UK), u b’hekk ippospona d-deċiżjoni tiegħu. L-EURid qed tistenna li tirċievi deċiżjoni interim dwar jekk l-imħallef hux se jerġa’ jiftaħ id-dibattit jew le.

## 6. IR-REĠISTRAZZJONI FL-EMAS U KUMPENS GĦAD-CO2

Fit-23 ta’ Mejju 2012, l-EURid sar l-ewwel registryu ċċertifikat fl-EMAS fl-Ewropa (in-numru ta’ registry BE-VL-000016)<sup>17</sup>. Fil-Q2 2015 l-EURid lesta l-proċess tar-riċertifikazzjoni riveduta tad-Dikjarazzjoni Ambjentali 2015-2017, li jinkludi sitt objettivi. Ir-registry EMAS tkopri kemm il-kwartieri ġenerali ta’ EURid f’Diegem, il-Belġu, u kif ukoll il-fergħa tiegħu f’Pisa, l-Italja (minn Q2 2015).

Mill-2013, l-EURid ivvalida l-emissjonijiet tiegħu tad-CO2 u wara xtara krediti ċċertifikati tad-CO2 biex jikkumpensa għalihom<sup>18</sup>.

## 7. KONKLUŻJONIJIET

Il-mudell tat-TLD .eu ġie implementat b’suċċess.

Matul l-aħħar sentejn, it-TLD.eu kien qed jopera b’mod f’pajsaġġ tat-TLD differenti minn dak li daħal għalihi meta tnieda fl-2006. Il-gTLDs il-ġodda biddlu kompletament l-industrija tal-ismijiet tad-dominju. Aktar u aktar registry qed ikunu involuti fl-immaniġġjar tal-estensjonijiet ġodda, filwaqt li l-operaturi tat-TLDs tradizzjonali bdew iħarsu lejn l-opzjonijiet biex jiddifferenzjaw l-offerti tagħhom u jespandu f’oqsma ġodda

<sup>17</sup> Għal aktar tagħrif dwar l-impenn ambjentali tal-EURid ara: <https://eurid.eu/en/going-green/>

<sup>18</sup> Fl-2015, l-EURid vvaluta l-emissjonijiet tad-CO2 tiegħu mill-2014 u wara krediti ivverifikati tad-CO2 biex jikkontribwixxi għall-proġett Ecomapuà, li, fost affarrijiet oħra, għandu l-għan li jikkonserva l-bijodiversità rikka tal-Amażonja. Fl-2016, l-emissjonijiet tad-CO2 tal-2015 tpaċċew permezz ta’ krediti ivverifikati tad-CO2 li taw kontribut għall-proġett tal-Idroenerġija Dak Rung fil-Vjetnam.

tan-negozju, li jista' jikkumpensa d-dħul aktar baxx mir-reġistrazzjonijiet ġodda fuq medda twila ta' żmien.

Tard fl-2016, il-Kummissjoni Ewropea nediet Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni (REFIT) biex tirrevedi r-Regolamenti dwar .eu, ħalli tiġgura li l-qafas ġuridiku jibqa' jservi l-għan maħsub tiegħu. Dan jinkludi valutazzjoni kompleta u valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni se teżamina mill-inqas il-ħames kriterji obbligatorji tal-valutazzjoni li huma l-effettività, l-effiċċenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valor miżjud tal-UE u se tkopri l-implimentazzjoni tal-qafas ġuridiku ta' .eu madwar l-UE, iż-ŻEE u l-pajjiżi kandidati, mill-adozzjoni tal-ewwel Regolament fl-2002. Din il-valutazzjoni se tifforma l-bażi għall-valutazzjoni tal-impatt eventwali orjentata lejn il-gejjjeni, li tiddeskrivi r-reazzjonijiet tal-politika għall-isfidi identifikati, possibbilyment bl-adozzjoni ta' inizjattivi konkreti fl-2018.


Il-multilingwiżmu għadu għan ewljeni kemm għar-Reġistru .eu kif ukoll għall-Kummissjoni Ewropea. Ta' min wieħed jinnota li, seba' snin wara l-applikazzjoni tal-EURid għall-istring .eu bil-Grieg, .eu bil-Grieg għadha mhix approvata mill-ICANN għar-raġuni li hija simili għal strings oħrajin b'tali mod li taf toħloq konfużjoni magħhom. Il-Kummissjoni ħeġġet ripetutament lill-ICANN sabiex dan il-proċess jitlesta, u enfasizzat li l-ICANN ma segwiex l-istess politika stretta meta xi gTLDs ġodda li tant jixxiebhu li jafu joħolqu konfużjoni ġew iddelegati fil-passat reċenti.

L-appoġġ proattiv reċenti tar-Reġistru għal azzjonijiet li għandhom l-għan li jipprev jenu l-abbuż u jtejbu s-sigurtà u l-affidabbiltà tad-dominju .eu huma meqjusa importanti u se jkomplu jitħeġġew f'ambjent diġitali fejn it-theddida u l-impatt taċ-ċiberkriminalità żdiedu b'mod sinifikanti.


Il-Kummissjoni Ewropea se tkompli bil-politika tagħha ta' fluss ta' komunikazzjoni regolari u kostruttiva mar-Reġistru, kemm biex iżżomm it-TLD .eu fl-ogħla standards ta' DNS, u wkoll biex .eu ssir l-estensjoni favorita tal-Ewropej. Il-konklużjonijiet dwar il-prestazzjoni tat-TLD .eu se jitfasslu mill-ġdid fl-2018 meta r-riżultati tal-valutazzjoni REFIT li għaddejja bħalissa se jkunu disponibbli.

## ANNESS


- **Statistika ta' .eu kontra r-reġistri CENTR f'Q1 2017**




- **reġistrazzjonijiet ta' .eu għal kull kwart ta' sena sa Q1 2017**



- Għadd totali ta' ismijiet tad-dominju .eu skont il-pajjiż tar-reġistrant fi tmiem Q1 2017



- Distribuzzjoni tar-reġistraturi f'Q1 2017



- Reġistrazzjonijiet tal-IDN f'Q1 2017

